DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**GĦAŻIŻ ANGELO**

*GĦAN – p.32 (f)*

## BRIDGET

### JEKK QATT MA GĦEX L-IMĦABBA?

Irrid noħroġ minn hawn! Jitkellmu – jgħidu u jgħidu – *Parole, parole, parole*! Iħarsu lejja kultant qisni biċċa mill-għamara, ħaġa waħda mas-siġġu li bilqiegħda fuqu. U huma wkoll. L-isess kliem – l-istess banalitajiet. Huma t-tnejn, dejjem imqabbdin f'xulxin fuq il-ħmerijiet. U Oscar, ċass iħares lejn il-gazzetta, moħbi warajha – imma naf li jekk tneħħihielu minn idejh insibu qed iħares lejja. Jipprova jifhem.

Jaf imma! Jaf kollox.

Imma kif jaf? Jekk qatt ma għex l-imħabba? Jekk qatt ma għexha. Jekk tassew qatt ma... għexha. Bħalma qed ngħixha jien.

*(lill ommha)* Ikollok bżonni ngħinek tnaddaf il-mejda? Jekk le tielgħa fuq nistudja, Ma.

Iħarsu lejja.

Kienu nsewni. Jekk nibqa' hawn se jtini li ngħajjat u nwerżaq. U nidħaq. Irrid immur fuq. Nikteb kollox fid-djarju – kollox fuq ilbieraħ – fuq Angelo. Kollox! Kollox qabel ninsa. Qabel taħrabli xi ħaġa mill-bieraħ! Kollox!

*(lill ommha)* Sejra nistudja!

Naħrab. Inqum, nipprova ma nurix li mgħaġġla. Ma nħallix lil Oscar jinduna... Imma għalxejn. Jaf. Jiena u ħierġa nilmħu fil-mera, iniżżel il-gazzetta, ħarstu warajja. Nagħlaq il-bieb. Isa, malajr! *(164)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.32